– BEJGH-U-XIRI TA' DGHAJSA –
– BILANC TAL-PREZZ TAL-BEJGH MHUX SALDAT –
– ONERU TAL-PROVA U KIF DAN JOXXILLA MINN PARTI GHAL FUQ OHRA –
– *CHEQUE* U L-PRESUNZJONI RELATTIVA TA' ESISTENZA TA' KREDITU –
– PRESUNZJONI A FAVUR TA' L-ATTUR SKOND L-ART. 1234 KODICI CIVILI –
– PRESUNZJONIJIET LEGALI U DAWK HOMINIS –
– ONERU TAL-KONVENUT LI JIPPROVA L-ECCEZZJONI TAL-PAGAMENT –
– IL-PAGAMENT IRID JIGI DEBITAMENT U KONKRETAMENT PRUVAT –
– VERITÀ REALI U VERITÀ PROCESSWALI –

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar l-Erbgha, 9 ta' Jannar, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **550/2017**

**CHARLES SCHEMBRI**
[K.I. NRU. 702556M]

***VERSUS***

**JEAN SCHEMBRI**
[K.I. NRU. 201577M]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-6 ta' Dicembru, 2017 mill-attur li permezz tieghu talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallsu l-ammont ta' tlett elef, mija u hamsin ewro (€3,150.00c) li jirrispekkja "*ammont dovut bhala bilanc ta' prezz ta' bejgh ta' dghajsa ta' l-ghamla Searay 230 gia registrata bl-isem ta' Summer Ann patwit u konkluz bejn il-kontendenti fis-sena 2015*" (*a fol*. 2). L-attur talab ukoll l-ispejjez tal-proceduri gudizzjarji odjerni, dawk konnessi ma' l-ittra ufficjali bin-numru 2474/2017, tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru u kif ukoll l-imghaxxijiet legali.

Ra r-Risposta tal-konvenut tal-15 ta' Frar, 2018 fejn eccepixxa illi (a) m'hemm l-ebda bilanc dovut lill-attur peress li l-prezz kollu mifthiem dwar id-dghajsa gie

kompletament imhallas minnu lill-istess attur; (b) hemm dokumentazzjoni[1] li tixhed dwar il-fatt li sehh it-trasferiment tad-dghajsa stante li l-istess kienet interament imhallsa, altrimenti t-trasferiment relattiv ma kienx isehh; (c) l-ebda imghax m'hu dovut; (d) bhala korollarju, it-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-attur; (e) salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ikkunsidra l-provi kollha mressqa mill-kontendenti – kemm testimonjali u kif ukoll dawk dokumentarji – u ra wkoll l-atti kollha tal-procediment;[2]

Ra illi fl-udjenza ta' l-4 ta' Ottubru, 2018, il-procediment thalla ghas-sentenza ghall-udjenza tal-llum;[3]

It-Tribunal jikkunsidra;

Il-fatti li jiccirkondaw dan il-kaz jistghu jigu deskritti hekk: l-attur kien biegh dghajsa ta' l-ghamla "Searay" bl-isem ta' "Summer Annie" lill-konvenut ghall-prezz globali ta' €17,000.00c. Il-ftehim kien li, wara li inizjalment kien inghata depozitu akkont tal-prezz, il-prezz bilancjali kellu jigi saldat mill-konvenut f'pagamenti rateali. Giet mifthiema modalità ghal dan bejn il-partijiet, fejn il-konvenut kien ghadda numru ta' *cheques* (kollha post-datati u mhux minnu ffirmati) lill-konvenut sabiex jinzammu mill-istess. Kollettivament dawn ic-*cheques* kienu jkopru l-ammont bilancjali dovut lill-attur. In virtù ta' tali modalità ta' hlas, kull meta l-konvenut kien imur ghand l-attur biex ihallsu rata ta' pagament (jew izjed), il-konvenut kien jghaddi l-hlas (i.e., flus kontanti) lill-attur u dan kien iwettqu kontra r-ritorn tac-*cheque* relattiv minghand l-attur. Ghalhekk, ic-*cheques* kienu jservu bhal speci ta' kambjala f'idejn il-kreditur, bid-debitur jigi mehlus minn hlas specifiku meta hu effettivament iwettqu u jigi moghti lilu c-*cheque* relattiv.

---

[1] Ara minn "Dok: A" sa "Dok: D" ezebiti flimkien mar-Risposta (*a foll.* 10–13).
[2] It-Tribunal josserva illi ghalkemm il-proceduri kienu infethu fis-6 ta' Dicembru, 2017 u l-ewwel dehera kienet dik fl-udjenza datata 31 ta' Jannar, 2018 (*a fol.* 7), kien biss fil-hames udjenza, dik tas-17 ta' Mejju, 2018, li kien ra ghall-ewwel darba lill-konvenut Jean Schembri. F'tali udjenza kien gie, *inter alia*, registrat dan il-verbal: "*It-Tribunal, wara li ra lill-Konvenut ghall-ewwel darba prezenti ghal dawn il-proceduri, jirrileva illi l-istess Konvenut Jean Schembri kien jigi patrocinat mill-Gudikant sedenti snin ilu (snin 2007 u 2008), izda l-istess Konvenut ma baqax klijent tal-Gudikatur wara tali perjodu ta' zmien. Id-difensuri tal-partijiet, in vista tal-informazzjoni moghtija mill-Gudikatur sedenti, jiddikjaraw illi huma u l-patrocinati taghhom m'ghandhom l-ebda oggezzjoni illi l-kawza tibqa' tinstema' minn dan it-Tribunal kif presjedut, peress illi ghandhom fiducja fl-oggettività tal-Gudikatur sedenti.*" (*a fol.* 46). Dan qed jigi rilevat mill-gdid ai finijiet ta' trasparenza.
[3] Il-verbal relattiv ighid, *inter alia*, dan: "*Meta ssejhet il-kawza deher biss l-Avukat Dr. Raphael Fenech Adami ghall-Attur. Dr. Raphael Fenech Adami informa lit-Tribunal li bi ftehim mal-Avukat Dr. Maria Cardona, ghall-Konvenut, illi ma ssirx trattazzjoni bil-fomm u huma jirrimettu ruhhom ghall-atti tal-kawza u li l-procediment jista' jithalla ghas-sentenza.*" (*a fol.* 59)

Id-divergenza odjerna bejn il-kontendenti hija dwar sitt *cheques* (ta' €525.00c-il wiehed) li baqghu ghand l-attur li flimkien igibu l-ammont ta' €3,150.00c, li effettivament hija s-somma domandata f'dawn il-proceduri. L-attur jghid li dawn baqghu ghandu ghax il-konvenut ma onorax il-pagamenti relattivi u li ghalhekk l-istess konvenut huwa llum-il gurnata debitur tieghu fl-imsemmi ammont, filwaqt li l-konvenut jikkontendi li m'ghandu jaghti xejn lill-attur peress li hu kien gja' hallas u ssalda l-ammont shih tal-bejgh, inkluz, allura, l-imsemmija cifra ta' €3,150.00c.

Il-provi forniti mill-kontendenti jistghu jigu, sommarjament, imfissra hekk kif gej:

**(a)** L-attur Charles Schembri jsostni, in ezami, illi hu kien biegh dghajsa lill-konvenut. Din kienet ta' l-ghamla "Searay 230" bl-isem ta' "Summer Annie" u l-prezz tal-bejgh kien fl-ammont ta' €17,000.00c. Tali bejgh sehh ghall-habta ta' Settembru, 2015. Hu kien inghata depozitu minghand il-konvenut fl-ammont ta' €1,500.00c u dwar il-bqija tal-prezz tal-bejgh huma kienu fthiemu li l-konvenut jghaddilu serje ta' *cheques* mhux iffirmati, b'dati futuri b'intervalli bejn xulxin, li kollettivament kienu jkopru l-bilanc tal-prezz rimanenti. Il-ftehim kien fis-sens illi meta l-konvenut iwettaq hlas fi flus kontanti, l-attur jirritorna lill-konvenut ic-*cheque* relattiv. Id-dghajsa giet mehuda mill-konvenut ghall-habta ta' Novembru, 2015 u l-istess giet eventwalment registrata minn fuq l-attur ghal fuq il-konvenut ghall-habta tas-Sajf tas-sena 2017.[4] L-attur jghid li ghalkemm kien hemm bilanc ghadu mhux saldat mill-konvenut, ir-registrazzjoni relattiva sehhet xorta wahda peress li kien hemm xi ri-organizzazzjoni mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta dwar bagi u, ghalhekk, biex il-konvenut ma jitlifx il-post ghad-dghajsa, saret ir-registrazzjoni nonostante l-omissjoni tal-hlas ta' parti mill-ammont bilancali. Skond l-istess attur, il-konvenut irrifjuta li jissalda l-ammont rimanenti ta' €3,150.00c ghax kien qed jigi allegat li d-dghajsa kellha xi mankament jew kienet qed timmanifesta xi problema;[5]

**(b)** L-istess attur ezebixxa:

- kopja ta' sitt (6) *cheques* post-datati u mhux iffirmati mill-mittent taghhom, ossia HSBC *cheque* nru. 862 datat l-1 ta' Dicembru, 2016 fl-amont ta' €525.00c; HSBC *cheque* nru. 863 datat l-1 ta' Jannar, 2017 fl-ammont ta' €525.00c; HSBC *cheque* nru. 864 datat l-1 ta' Frar, 2017 fl-amont ta' €525.00c; HSBC *cheque* nru. 865 datat l-1 ta' Marzu, 2017 fl-amont ta' €525.00c; HSBC *cheque* nru. 866 datat l-1 ta' April, 2017 fl-

[4] Id-dokumenti *a foll.* 10–11 u *a fol.* 13 juru li r-registrazzjoni sehhet fit-2 ta' Mejju, 2017.
[5] Ara xhieda ta' l-attur tal-11 ta' April, 2018 *a foll.* 17–22.

amont ta' €525.00c; u HSBC *cheque* nru. 870 datat l-1 ta' Awwissu, 2017 fl-amont ta' €525.00c.[6] Sommati flimkien dawn ic-*cheques* igibu l-ammont li qed jintalab f'dawn il-proceduri, cioè €3,150.00c; u

- kopja ta' numru ta' messaggi telefonici (SMS's) skambjati bejnu u bejn il-konvenut li fil-maggoranza taghhom jitkellmu dwar il-prezenti bejgh u dwar xi hlasijiet maghmula minn wiehed *versu* l-iehor u anke li kien hemm xi kwistjoni (problema) dwar id-dghajsa.[7]

**(c)** In kontro-ezami l-attur afferma illi fil-fehma tieghu, effettivament, il-konvenut kien waqaf ihallsu dak li kien ghad fadal x'jithallas ghax l-istess konvenut kien qed jinsinwa li l-dghajsa kellha xi problemi, li ghall-attur ma kienu problemi xejn;[8]

**(d)** In ezami, il-konvenut Jean Schembri jafferma li l-prezz mifthiem tal-bejgh kien dak ta' €17,000.00c u li kien hallas is-somma ta' €1,500.00c bhala depozitu akkont tal-prezz, bil-patt li sa Marzu, 2016 hu kien ser ihallas ulterjorment lill-attur €6,000.00c (fi flus kontanti u b'mod ratejali). Illi f'Marzu, 2016 il-konvenut hareg numru ta' *cheques* post-datati mhux iffirmati u b'dati differenti u kkonsenjahom lill-attur, bl-intiza li kull meta hu jmur jissalda hlas, l-attur jaghtih lura c-*cheque* li kien jirrifletti l-pagament relattiv li jkun sehh. Il-konvenut jghid li l-attur ma kienx jirrilaxxja ricevuta ta' tali hlas izda sempliciment jirritornalu l-originali tac-*cheque*. Kull ma kien jaghmel l-attur huwa li kien inizzel notament dwar il-hlas fuq xi karta ghal ghanijiet personali tieghu u li tinzamm minnu (l-attur). Bhala prekawzjoni, il-konvenut jghid li kien jibghat messagg telefoniku lill-attur li kien jirrifletti l-hlas li jkun sehh bejniethom. Kopja ta' tali messaggi ma setax jezebihom ghax il-konvenut jghid li kien tilef il-mobile cellulari tieghu. Skond il-konvenut m'hemm l-ebda ammont bilancjali dovut lill-attur ghax hu kien hallas kollox. Il-konvenut jghid li hu kien hallas l-ammont ta' €3,150.00c fi flus kontanti tant illi kien sehh it-trasferiment tad-dghajsa minn fuq l-attur ghal fuqu, haga, illi skond l-istess konvenut, kieku ma kinitx issir kieku kien hemm xi ammont pendenti lejn l-attur. Il-konvenut jinnega u jichad il-kwistjoni tal-baga u ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta deskritta mill-attur;[9]

---

[6] Ara kopji relattivi *a foll.* 23–24.
[7] Ara kopja ta' tali messaggi *a foll.* 25–44. It-Tribunal ikollu jisqarr li minn tali messaggi ma johrogx daqstant car x'pagamenti gew effettivament maghmula minn parti lejn l-ohra, stante r-referenza ghal hlasijiet hija sporadika u mhux dettaljata u/jew kronologika.
[8] Ara xhieda ta' l-attur in kontro-ezami *a foll.* 54–58.
[9] Ara xhieda tal-konvenut *a foll.* 48–50.

**(e)** In kontro-ezami, il-konvenut jikkonferma li hareg numru ta' *cheques* post-datati u hallihom f'idejn il-konvenut ghad-differenza kollha u dan wara li hu kien hallas id-depozitu inizjali ta' €1,500.00c. Il-konvenut jghid li f'Mejju, 2017, gewwa l-ufficju ta' l-attur, hu kien hallas is-somma bilancjali ta' €3,150.00c f'pagament wiehed, f'salt u fi flus kontanti, u jishaq li ghalkemm kien wettaq tali hlas, l-attur ma kienx ghaddielu l-ahhar sitt (6) *cheques* li flimkien jirriflettu l-imsemmija cifra. Ir-raguni tan-nuqqas ta' ritorn tac-*cheques*, jispjega l-konvenut, kienet dovuta ghall-fatt li dakinhar tal-hlas, l-attur ma kellux fuqu l-originali tac-*cheques*. Il-konvenut stqarr li hu kien aktar interessat li dakinhar iwettaq il-hlas u jsehh it-trasferiment tad-dghajsa milli li jirtira l-imsemmija *cheques*. Ghalkemm ma talabx ir-ritorn taghhom, kien talab lill-attur biex iqatta' tali *cheques*;[10]

**(f)** Il-konvenut ma ezebixxa l-ebda prova dokumentarja hlief dawk annessi mar-Risposta tieghu;[11]

**(g)** Jigi rilevat illi t-Tribunal acceda ghall-atti ta' l-ittra ufficjali, mahruga skond l-Art. 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li tissemma fl-Avviz tat-Talba (bir-referenza numru 2474/2017). Dan ghamlu biex, *inter alia*, jkollu stampa aktar cara ta' l-isfond tal-kwistjoni prezenti u dan in forza tat-tghalim gurisprudenzjali lokali li jakkorda l-poter u l-fakultà lill-gudikant adit mill-mertu li jikkonsulta atti gudizzjarji rilevanti ohra li jkollom konnessjoni mal-vertenza li dwarha hi mistennija decizjoni.[12] Minn tali ittra ufficjali, emessa fil-31 ta' Ottubru, 2017, jirrizulta illi l-attur kien interpella lill-konvenut sabiex ihallsu l-ammont ta' €3,150.00c rapprezentanti "*ammont cert, likwidu u dovut* […] *fuq*

---

[10] *Ibid.*

[11] Ara d-dokumenti *a foll.* 10–13 li jitkellmu, *inter alia*, dwar ir-registrazzjoni tad-dghajsa ghal fuq il-konvenut.

[12] F'dan is-sens ara d-decizjoni *in re* **Andrea Xerri v. Giuseppina Mifsud** (Appell Superjuri, 27 ta' Gunju, 1969; mhux pubblikata) u s-sentenzi fiha msemmija. In oltre, in forza ta' dak misjub fil-gurisprudenza patria, l-atti gjacenti fir-registri tal-qrati domestici jistghu jigu kkonsultati minghajr il-htiega ta' l-ezibizzjoni formali taghhom fil-proceduri *de qua*. Din hi norma riflessa f'bosta decizjonijiet, fosthom *in re* **Negte. Giuseppe C. Degiorgio et v. Carmelo Asciak** (Appell Civili, 3 ta' Ottubru, 1927); **Maria Ellul Bonnici v. Felice Mercieca et ne** (Prim'Awla, 22 ta' Frar, 1950); **Alphonse Maria Vella v. Carmelo Mallia** (Appell Kummercjali, 11 ta' Lulju, 1994); **Edwige armla minn Roger Camilleri v. Gaetano Debattista noe et** (Appell Inferjuri, 19 ta' Mejju, 2004); **Alan Kyle noe v. Mary La Rosa et** (Appell Inferjuri, 23 ta' Novembru, 2005); **Nancy Cutajar nomine v. Charles Ciappara et** (Appell Superjuri, 3 ta' Ottubru, 2008); **Lec Limited v. Tabbingtons Limited** (Qorti tal-Magistrati [Ghawdex], 28 ta' April, 2009, konfermata fl-appell fid-19 ta' April, 2012); u **Korporazzjoni Enemalta v. V&C Contractors Limited** (Appell Inferjuri, 22 ta' Jannar, 2010). L-importanti huwa li l-att gudizzjarju (li ma jigix formalment ezebit fil-proceduri) jigi, almenu, debitament senjalat fil-proceduri. Dan gie konfermat fi zmien pjuttost ricenti *in re* **Anthony Micallef et v. Pal Balzan pro et noe** (Appell Superjuri, 24 ta' Novembru, 2017) fejn inghad hekk: "*Din il-Qorti taqbel ma' dan il-principju, però, qabel xejn, hu mehtieg li lill-Qorti issirilha referenza cara u preciza tal-att li ghalih parti f'kawza ohra jrid jaghmel referenza. Il-Qorti ma hijiex adita mill-atti kollha li jigu pprezentati fir-Registru tal-Qorti Civili, u ma tistax, meta ma jkollhiex indikazzjoni cara, tipprezumi hi li setgha gie pprezentat att u taghmel tfittxija ghal li jista' jkun.*"

*bilanc ta' prezz ta' dghajsa*". Tali ittra ufficjali giet notifikata lill-konvenut fl-4 ta' Novembru, 2017. Fit-13 ta' Novembru, 2017 il-konvenut wiegeb ghaliha permezz ta' nota responsiva illi fiha jinghad solament li l-pretiza ta' l-attur kienet qed tigi respinta bhala infondata fil-fatt u fid-dritt u biex l-istess attur jgharaf il-fatti.

Spjanat it-terren ghal dak li jikkoncerna l-verzjonijiet tal-partijiet u l-provi minnhom avvanzati, it-Tribunal jirregistra s-segwenti principji, legali u guridici, pertinenti u applikabbli ghall-fatti tal-vertenza *de quo* u jabbinahom maghhom.

Illi bil-provi forniti lil dan it-Tribunal, l-attur holoq presunzjoni favurih li hemm kreditu/dejn ezistenti bejnu u l-konvenut (hekk kif stabbilit fis-sentenza riportata f'*Kollez*. **Vol.XXXII-I-535**). Tali presunzjoni – li *prima facie* hemm relazzjoni ta' kreditur-debitur bejn il-litigandi – kompla jsahhaha l-konvenut stess permezz tal-linja difensjonali tieghu. Bl-eccezzjonijiet tieghu, il-konvenut qieghed jirrikonoxxi d-dejn pretiz mill-attur izda qed jikkwalifikah u jiddeskrivih bhala wiehed li hu ormai interament saldat u mhallas, *ergo* estint. Fi kliem iehor, l-imsemmi konvenut qed jiddefendi ruhu billi javvanza l-eccezzjoni tal-pagament. Minn dan jinzel illi sta ghalih li jipprova li l-ammont reklamat mill-parti attrici gie effettivament imhallas, konkretament saldat u li llum-il gurnata li d-debitu kontrih hu totalment inezistenti.

B'tali eccezzjoni l-konvenut waddab l-oneru probatorju fuqu stante illi hija gurisprudenza rikonoxxjuta li min jeccepixxi jew jallega l-pagament ghandu d-dmir li jipprovah. Dan ma hu xejn hlief estensjoni tal-principju rakkjuz fl-Art. 562 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili li jistabbilixxi li, "*Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah*." Din id-disposizzjoni ma tiddistingwix bejn il-figura ta' l-attur li jippromwovi azzjoni u bejn konvenut li jirrezisti ghall-istess tramite d-difiza tieghu. Dan hu dispost redatt b'mod ampju u generiku, li ghandu jigi interpretat li kull minn jallega fatt ghandu l-obbligu legali li jissostanzja l-istess bil-produzzjoni ta' provi konkreti. Fil-kaz odjern, huwa l-konvenut li jrid jissodisfa dan l-oneru sabiex jiskarika l-istess minn fuqu u, *ergo*, "jirbah" l-eccezzjoni minnu mqanqla u dan ghax f'certi kazijiet l-konvenut bl-eccezzjoni tieghu isir attur in forza tal-principju "*reus excipiendo fit actor*" u ghalhekk ikun obbligu tieghu li jipprova dak li jkun eccepixxa (ara ghar-rigward *in re* **John Baptist Zammit noe v. Joseph Vella noe**, Qorti tal-Magistrati [Ghawdex], 23 ta' Mejju, 2008). B'riferiment ghad-duttrina Ingliza, fid-decizjoni *in re* **Angelo Scicluna v. John Scerri** (Qorti tal-Kummerc, 30 ta' Mejju, 1951; konfermata fl appell fid-19 ta' Novembru, 1951) inghad appropozitu li, "*Dan hu in armonia mal-principju generali accettat minn zmien antik mit-trattisti Inglizi f'materja probtorja, u gie hekk espress mill-Phillips, Treatise on the Law of Evidence, page 189:- «Although in general it is*

*necessary for a party who brings an action, to prove all the material facts which he alleges in support of his claim, yet, where the defendant pleads a fact within his own knowledge in discharge of himself, and the plaintiff still insists on the defendant's liability, then the burden of the proof lies on the defendant, not upon the plaintiff*.»"

Skond it-tghalim ta' **Francesco Ricci** ("Delle Prove", UTET, 1891; §34; pp. 52-53), "*L'attore che ha a favore della sua domanda una presunzione è dispensato dall'onere della prova: così pure dallo stesso onere é dispensato il convenuto la cui eccezione ha base in una presunzione. Effetto della presunzione é, come si esprime la Cassazione di Torino (decis. 16 febbraio 1855, vii, 1, 176), di far considerare la cosa presunta come provata sinchè non si dimostri il contrario. La parte, quindi, cui una presunzione è opposta, non può limitarsi ad asserire il contrario, ma deve distruggere la presunzione stessa con una chiara e indubitata prova della fatta impugnativa*." Izda ta' min jirrileva illi l-presunzjonijiet jistghu jkunu ta' zewg tipi, ossia (i) presunzjonijiet legali (hekk kif insibu fl-Artikolu 1234 tal-Kodici Civili[13]) jew (ii) presunzjonijiet semplici, jew inkella imsejha wkoll "*præsumptiones hominis*" (l-Kodici Civili Malti jidher li hu sieket dwar dawn[14]). Dwar din l-ahhar menzjonata presunzjoni nsibu ritenut mill-fuq menzjonat gurist Taljan illi, "*il valore delle presunzioni umane non è determinato a priori, ma valutabile in ciascun caso, avuto riguardo alle speciali circostanze del medesimo … Ora, se, avuto riguardo a tali circostanze, le presunzioni addottate sono talmente efficaci da ingenerare nel giudice il convincimento di quanto colle medesime vuolsi sostenere, colui che le allega sarà dispensato dal fornire ulteriore prove del suo assunto*." (**Ricci**, *op cit.*, §35; p.55).

Il-presunsjoni li qed implicitament tigi invokata mill-attur in sostenn tat-tezi tieghu tirrijentra fit-tieni xenarju u cioè tal-presunzjoni semplici, ossia *"hominis*". Il-provi forniti lil dan it-Tribunal – ossija l-kopja tac-*cheques* li flimkien igibu l-ammont domandat f'dawn il-proceduri – kollha jmorru sabiex joholqu presunzjoni li jezisti kreditu a favur tal-parti attrici kontra l-parti konvenuta.

In tema legali ghandu jigi osservat illi l-emissjoni ta' *cheque* hi prova dokumentali ta' l-element kostitutiv tar-rapport u jikkreja, in materja, il-presunzjoni relattiva tat-titolarità tad-dritt stabbilit f'dan id-dokument (ic-*cheque*) a favur tal-persuna legittimata jew li tipposjedieh. Dan l'ghaliex, kif deciz, "*ic-cheque* [...] *intrinsikament mhuwiex hag'ohra hlief dokument ta' kreditu (credit document – documento rappresentante un credito presso una banca)*" (ara decizjoni riportata f'*Kollez*. **Vol.**

---

[13] Bhala ezempju ta' tali presunzjoni hi l-ikkagunar ta' danni *ut sic* jekk il-vicin ihaffer entro d-distanza legali *ex* Art. 439 Kodici Civili.

[14] Kontrappost mal-Kodici Civili nostran, dak Taljan jiddisponi espressament ghalihom taht l-Art. 2729.

**XLVI-II-600**). F'idejn il-pussessur, ic-*cheque* ghandu l-vantagg konsimili ghal dak li ghandu titolu kambjarju. F'dan is-sens, u minghajr ma t-Tribunal joqghod jiccita estensivament fuq dan il-principju, issir referenza ghal dawn id-decizjonijiet: dik riportata f'*Kollez*. **Vol. LXXVI-II-520** u *in re* **Luigi Portelli et noe v. Dr. John C. Grech noe** (Appell Civili, 6 ta' Ottubru, 2000).

Ghalhekk il-kreditur li jagixxi, invokanti titolu jew prova simili abbazi ta' l-assunt rizarcitorju tieghu, huwa, f'certu sens, dispensat bis-sahha ta' l-istess *cheque* u titolu milli jipprova r-rapport fondamentali u li juri li hemm *prima facie* kreditu favurih; mentri d-debitur, emissarju tac-*cheque*, ma jistax jippretendi li jista' johloq dubji fuq it-titolarità tal-kreditu vantat, u – in mankanza ta' eccezzjonijiet jew difiza riflettenti fuq l-obbligazzjoni (*ad exemplum*, l-*exceptio dolii*) – jikkontendi solament li hallas id-dejn minghajr ma jadduci provi tajbin bizzejjed biex juri li effettivament hekk hu u sabiex jinnewtralizzaw il-presunjzoni a favur tal-kreditur tieghu. Ara, ghal dak li jiswa, *in re* **Anthony Borg et v. Anthony Francis Willoughby** (Prim'Awla, 9 ta' Marzu, 2005).

Ghalhekk, f'kawzi ta' dan il-generu, il-parti attrici jehtigilha biss tipprova, b'mod adegwat, il-kreditu taghha kontra l-parti konvenuta u ghaldaqstant l-*onus probandi* minnha rikjest jigi skarikat fuq il-parti avversarja. Il-konvenut li jeccepixxi l-pagament intier tal-kreditu minnu reklamat irid imbaghad iforni provi sufficjenti, konvincenti u bizzejjed tajbin biex jarresta tali pretiza attrici. Hawnhekk, il-konvenut debitur jrid jizgura li l-prova tal-pagament tilhaq il-grad tal-prova lil hinn mid-dubju ragjonevoli (hekk kif ser jintwera aktar 'l isfel).

Hi gurisprudenza kopjuza, u ormai assodata, li tenuncja illi l-prova tal-pagament tinsab a karigu ta' min jallegaha. Ghalhekk, il-konvenut kellu juri, dejjem ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal, illi l-pagament li hu allega li kien wettaq lill-attur kien verament u effettivament ghamlu. Dan kellu jaghmlu bi kwalsiasi mezz, "*basta li l-gudikant, bil-provi forniti fil-gudizzju, jakkwista c-certezza morali li l-hlas ikun effettivament sar*" hekk kif sostnut fid-decizjoni riportata f'*Kollez.* **Vol.XXXVII-I-525**. Addizzjonalment *in re* **John Cini v. Rita Camilleri** (Qorti ta' l-Appell Kummercjali, 28 ta' Lulju, 1982; mhux pubblikata) inghad illi, "*dwar l-eccezzjoni tal-pagament, qalet sewwa l-Ewwel Qorti li din il-prova tispetta lill-konvenut li qed ighid li hallas. Hu principju mhux kontrastat in materja in fatti illi "la prova del pagamento è a peso del convenuto che lo allega", kif kienet iddecidiet il-Qorti tal-kummerc fis-sentenza taghha tat-28 ta' Mejju, 1885, fil-kawza Negte Michele Apap noe vs Giuseppe Grech. Fil-gurisprudenza taghna gie konstantement ritenut li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah, u li jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju ghandu jigi rizolut favur lattur.*" Intqal ukoll *in re* **Giuseppe Darmanin v. Salvatore Muscat** (Prim'Awla, 23 ta' Frar, 1965), illi, "*Min jallega l-pagament ghandu jippruvah ghas-*

*sodisfazzjon tal-Qorti, u fid-dubju fin-nuqqas ta' ricevuta ghandha tipprevali l-prezunzjoni li d-dejn ma thallasx (kollez vol. XXXII.I.535) jekk ma jigix pruvat, kif del resto ma sarx, b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt.*"

Il-prova rikjesta mill-konvenut f'dan l-ambitu ghandha tkun wahda konkreta (oggettiva) u kompleta (shiha). Il-prova tal-pagament allegat mill-konvenut tista' ssehh b'kull mezz in kwantu illi l-produzzjoni ta' rċevuta m'hijiex indispensabbli u, allura, jistghu jingiebu provi ohrajn alternattivi, purké tajbin u konvincenti hekk kif ritenut, fost diversi, *in re* **Avv. John Buttigieg noe v. Joseph Portelli noe** (Appell Kummercjali, 26 ta' Jannar 1976; mhux pubblikata). Kif affermat *in re* **Carmelo Zammit v. Emanuele Galea et** (Appell Suerjuri, 27 ta' Frar, 2003), "*Huwa generalment rikonoxxut li l-prova ta' pagament ta' debitu tista' tinghata mhux biss b'ircevuti li, b'certa finalità jattestaw l-estinsjoni tal-obbligazzjoni, izda din il-prova tista' tingieb ukoll b'mezzi ohra. Fl-assenza ta' ricevuti, però, il-prova trid tkun tali li ma thalli ebda dubbju f'mohh il-gudikant*." Ara wkoll, f'dan is-sens *in re* **John Grima v. Victor Borg et** (Appell Superjuri, 28 ta' Novembru, 2008) u, aktar ricenti ghal zminijietna, *in re* **Estate Catering Houseware Enterprise Ltd v. Sergio Manché et** (Prim'Awla, 18 ta' April, 2018). Il-provi in sostenn ta' l-allegazzjoni tal-pagament li jestingwi l-kreditu tal-parti kreditrici ghandhom jilhqu gradi gholjin ferm, tant illi fid-decizjoni *in re* **Von Brockdorff Insurance Agency Ltd v. Visa Travel Ltd** (Appell Superjuri, 16 ta' Frar, 2007) inghad hekk: "*In linea ta' massima jinsab akkolt, ghall-iskop ta' l-attendibilità u verosimiljanza tal-versjonijiet reciproci tal-kontendenti, illi l-kreditur jenhtieglu jipprova b'mod adegwat il-kreditu tieghu mentri d-debitur minn naha tieghu jrid jaghmel il-prova tal-pagament lil hinn mid-dubbju ragonevoli. Dan qed jigi sottolinejat in kwantu hu generalment accettat illi f'kaz ta' dubbju dan kellu jkun rizolt favur l-attur kreditur li ma kellux dan l-istess oneru (Kollez. Vol. XXXV P III p 604).*"

Fid-dawl tas-senjalazzjonijiet *supra*, it-Tribunal jirrimarka li l-konvenut ma forniex provi tajbin bizzejjed biex juri li effettivament hu kien issalda l-ammont bilancjali ta' €3,150.00c. Fil-verità, dan it-Tribunal ma jhossux konvint li l-konvenut lahaq il-grad tal-prova mehtiega in sostenn tad-difiza tieghu (*viz*. pagament), anke jekk tigi adoperata n-norma kontemplata fl-Art. 9(2)(b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.[15] Anzi, il-kaz tal-konvenut ihalli lakuni u dubji li ma jistghux, fis-sewwa, jigu injorati. L-argument li l-konvenut kien aktar interessat li jirregistra d-dghajsa milli jitlob ir-ritorn ta' l-ahhar *cheques* fil-pussess ta' l-attur ma jawgurax tajjeb ghalih. L-anqas ma jawgura tajjeb ghall-konvenut li qatt ma ha l-izbriga li jottjeni dokumentazzjoni

[15] Art. 9(2)(b) Kap. 380 jghid li it-Tribunal "*għandu jitgħarraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-aħjar prova jew dwar xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk ikun sodisfatt lix-xiehda li jkollu quddiemu tkun biżżejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqtal-każ li jkun qed jittratta*."

appozita dwar dak minnu mhallas sabiex, almenu, jkollu l-konfort li l-hlasijiet minnu mwettqa qed isehhu in regola u manifestati b'manjiera konkreta u cara ghaz-zewg kontrajenti (biex ma jinqalghux potenzjali dubbji jew kwistjonijiet). Inoltre, u certament, it-Tribunal ma jistax jistrieh fuq il-fatt li l-konvenut kien bghat messaggi lill-attur li juru li l-ammont intier kien gie saldat, stante li prova f'dan is-sens ma ngabitx (ghax intilef il-mobile cellulari). Il-kelma tal-konvenut f'kaz bhal dan, bid-dovut rispett, m'hijiex sufficjenti. *Nel segno del poi*, kien ikun aktar ghaqli ghall-konvenut li meta jwettaq negozji jew kontrattazzjonijiet simili, jiehu hsieb li kollox jigi debitament registrat u dokumentat b'manjiera idoneja u/jew f'forma appozita. Dan sabiex jigu evitati ekwivoci ta' min hallas lil min, x'kien ezattament l-ammont, meta /jew fejn dan sehh, x'fadal pendenti, x'gie imhallas u jekk il-kontrattazzjoni gietx debitament u interament sodisfatta. Fil-kaz odjern, it-tezi fornita mill-konvenut hi bazata merament fuq cirkostanzi fattwali t'indole altament cirkostanzjali, l-effettività ta' liema ma taggjovahx u ma tissuffragax il-linja difensjonali minnu intrapriza.

Dan it-Tribunal jerga' jiehu l-okkazzjoni, kif ghamel f'decizjoni precedenti,[16] illi jirrimarka li m'ghandux ikun skontat il-hsieb ta' xi kontendent li «Ghandi ragun, u min ser jismani u jiggudikani ghandu tabilfors jintebah!» Tali ragunament, wahdu, ma jaghtix lok, u lanqas ma jwassal, ghas-sitwazzjoni li l-gudikant ser jirrikonoxxi tali posizzjoni b'mod awtomatiku. Dan hu proprju l'ghaliex il-verità processwali – aktar iva milli le – ta' spiss hi ferm differenti minn dik reali u, allura, hi necessarja certa kollaborazzjoni da parti tal-parti (attur jew konvenut) mal-patrocinatur taghha u ta' dan ta' l-ahhar ma' l-enti gudikanti sabiex iz-zewg veritajiet jikkombacjaw, jigu sinkronizzati u jikkoezistu f'armonija reciproka fl-atti processwali tal-kaz. Dan isehh permezz tal-filtru ta' l-evidenza (i.e., il-provi) li titressaq f'kawza. Tramite tali gharbiel procedurali, il-verità reali, li jafu solament il-litiganti, tigi mressqa f'forma guridika u konkreta lill-enti gudikanti ghall-iskrutinju taghha. B'tali mod, dik il-verità – li qabel tkun biss fl-isfera personali ta' parti jew ta' ohra mill-litiganti – tinbidel f'verità processwali, ossia f'fattur konkret u f'fatt guridikament valevoli li jivvinkola lill-gudikant li jqis, jizen, jixtarr u jiggudika dwaru.

Ghal min qed jiggudika, xejn ma huwa skontat u xejn m'hu ovvju. Gudikant adit minn mertu ta' procediment ghandu jfassal id-decizjoni tieghu fuq l-bazi tal-materjal probatorju li l-kontendenti jressqu quddiemu, u ghal tali materjal – in virtù tal-principju ta' *iura novit curia* – japplika n-norma ritwali rilevanti u dik sostantiva l-aktar attinenti. In effetti, il-principju konsagrat fl-Art. 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, skond liem min hu tenut jiggudika ghandu l-obbligu jaghmel hekk "iuxta allegata et probata", jimporta illi d-decizjoni emessa tkun mehuda unikament in bazi ghall-allegazzjonijiet

[16] Ara s-sentenza moghtija minn dan it-Tribunal, kif presjedut, *in re* **Impel Communications Co. Ltd v. Gerard Attard et**, moghtija fil-15 ta' Ottubru, 2018 (mhux appellata).

pruvati, cioè mic-cirkostanzi fattwali u guridici dedotti in fondament ghad-domanda jew ta' l-eccezzjoni, u dejjem mehuda in bazi tal-provi forniti mill-partijiet litigandi. Tali norma hija ntiza biex tassigura d-debitu rispett tal-principji fundamentali tal-kontradittorju, u timpedixxi li parti tissubixxi decizjoni bazata fuq fatti ghaliha injoti jew skonoxxuti in relazzjoni ta' liema l-istess parti ma setghetx tiddefendi ruhha jew tesprimi opinjoni jew sottomissjoni dwarhom. Il-principju tad-disponibilità tal-provi ghandu jkun intiz bhala vinkolu ghall-gudikant fl-accertament tal-fatti mressqa mill-kontendenti, fis-sens illi jekk il-partijiet ma joffrux provi diretti ghal tali accertament, il-gudikant ma jistax – fl-assenza ta' norma li tiddetta kuntrarjament – jipprovdi hu stess u jissostitwixxi l-inizjattiva proprja ghall-mankata inizjattiva ta' min kien primarjament interessat li jressaqha. Huwa ghalhekk li l-ordinament guridiku ihaddan massimi Latini[17] bhal "quod non est in actis non est in mundo",[18] "secundum acta et probata non secundum privatam scientiam"[19] u "non refert quid notum sit judici si notum non sit in forma judicii".[20] Tali massimi huma riflessi u abbraccjati fid-decizjonijiet, fost ohra, *in re* **Carmelo Zammit v. Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp** (Qorti Kummercjali, 10 ta' April, 1995) u *in re* **Michael Debono et v. Joseph Zammit et** (Prim'Awla, 30 ta' Gunju, 2010). In konkunta ma' din l-ahhar asserzjoni, hu rilevanti dak affermat minn **AURELIO SCARDACCIONE** ("Le Prove", UTET 1965; §3, p.8) meta jghid illi, "*il giudice nella formazione o preparazione del materiale, che a lui occorre per pervenire alla decisione della controversia, sceglie i fatti su cui giudicare e, nell'operare tale scelta, si avvale solo dell'attività probatoria svolta dalle parti nell'ambito del processo.*" Awtur iehor, **CARLO LESSONA** ("Trattato Delle Prove in Materia Civile", UTET 1927; Vol.I, §45, p.59), jasserixxi li, "*la scienza personale del giudice, da lui già posseduta od acquistata stragiudizialmente intorno ai fatti sui quali si controverte non è legittima fonte di prova, perchè la legge non la contempla; perchè anzi, pel sistema della legge, il giudice non conosce i fatti se non quali glie li presentano le parti*." Dan hu hekk precizament ghax, "*Il giudice, come ben sapiamo, è un terzo che non sa nulla (e nulla deve sapere) dei fatti controversi; nel nostro ordinamento assume anche la veste del pubblico impiegato, cioè di burocrate, per cui egli in linea di principio, oltre*

---

[17] Referenza ghal massimi u precetti derivanti mid-Dritt Ruman sehhew ghax, kif mghadud fid-decizjoni *in re* **Dr. Giovanni Messina ed altri v. Com. Giuseppe Galea ed altri** (Prim'Awla, 5 ta' Jannar, 1881 – Decizjoni N° 122 riportata f'*Kollez.* Vol. IX–308), il-Ligi Rumana kienet, u ghadha, l-"ius comune" (ligi komuni) ta' Malta u "*nei casi non proveduti dalle nostre leggi, dobbiamo ricorrere alle leggi Romane*". Bhala ezempju fejn saret referenza ghal u applikazzjoni tal-principji mid-Dritt Ruman, ara, *inter alia*, **Vincent Curmi noe v. Onor. Prim'Ministru et noe et** (Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Frar, 2008); **John Patrick Hayman et v. Edmond Espedito Mugliett et** (Appell Superjuri, 26 ta' Gunju, 2009); **Anthony Caruana & Sons Limited v. Christopher Caruana** (Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 2014); **Coleiro Brothers Limited v. Karmenu Sciberras et** (Prim'Awla, 13 ta' Frar, 2014); u **Sebastian Vella et v. Charles Curmi** (Appell Superjrui, 28 ta' Frar, 2014).
[18] *traduz.*: dak li mhux ezebit fl-atti processwali, ma jezistix ghall-gudikant.
[19] *traduz.*: skond dak mressaq bhala prova/evidenza, u mhux skond dak li jaf personalment il-gudikant.
[20] *traduz.*: mhux dak li jaf personalment il-gudikant, izda dak li hu importanti huwa li l-fatt ikun imressaq u imwassal lil min hu tenut jiggudika f'forma u f'manjiera ta' evidenza.

*ad ignorare i fatti, si limita a svolgere il suo lavoro senza particolari entusiasmi per le vicende riguardanti le parti. In queste condizioni è quanto meno azzardato pensare che il giudice possa con esito proficuo sostituirsi nell'acquisizione delle fonti di prova alle parti, che invece conoscono assai bene i propri affari, sanno come e dove cercare le prove, e rischiano in prima persona* " (*cfr*. **GIROLAMO MONTELEONE**, "Manuale di Diritto Processuale Civile" Vol. I, CEDAM 2007; p.269). Riflessjoni ta' dan it-tghalim dottrinali jinsab fid-decizjoni domestici *in re* **Ignatius Busuttil v. Water Services Corporation**, (Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar, 2005);[21] *in re* **Perit Carmel Mifsud Borg v. Kurt Farrugia** (Appell Inferjuri, 11 ta' Dicembru, 2009);[22] *in re* **F. Advertising Limited v. Simon Attard et** (Appell Inferjuri, 21 ta' Mejju, 2010)[23] fost diversi ohrajn. Dan m'hu xejn gdid izda hu kuncett antikissimu, hekk kif rifless fil-massima, gja' msemmija, ta' "quod non est in actis, non est in mundo".[24]

Ghal dawn ir-ragunijiet, dan it-Tribunal hu tal-fehma li l-konvenut ma lahaqx il-prova tal-pagament, li tmiss lilu u, bhala korollarju, l-attur irnexxielu jipprova li huwa kreditur tal-konvenut fl-ammont ta' €3,150.00c.

**GHALDAQSTANT**, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi, ghar-ragunijiet espressi f'din id-decizjoni, previa c-cahda ta' l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, qed jilqa' t-talba ta' l-attur u jiddikjara lill-konvenut Jean Schembri bhala debitur ta' l-attur Charles Schembri fl-ammont ta' tlett elef, mija u hamsin ewro (€3,150.00c) u konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenut biex ihallas lill-attur l-ammont ta' tlett elef, mija u hamsin ewro (€3,150.00c).

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri u kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali nru. 2474/2017 datata 31 ta' Ottubru, 2017[25] (izda mhux dawk konnessi mal-mandat ta' sekwestru[26]) huma kollha a karigu tal-konvenut. L-imghaxijiet legali bir-rata ta'

---

[21] "*tribunal b'funzjonijiet gudizzjarji ma jistax, b'ebda logika u sens ta' gustizzja, jikkampa l-gudizzju tieghu fuq asserzjonijiet gratuwiti, kongetturi bla bazi, jew semplici fehmiet meta dawn ma jsibu l-ebda riskontru fil-konkret tal-provi*."

[22] "*it-Tribunal ghal dawk li huma l-fatti li fuqhom irid jiddeciedi, jridu jirrizultaw mill-atti u l-gudikant ma jistax juza jew jaghmel riferiment ghal fatti, anke jekk huwa personalment ikun jaf bihom, jekk dawn ma jirrizultawx mill-atti tal-kawza*."

[23] "[min hu tenut jiggudika ghandu] *jestraji d-decizjoni tieghu unikament mill-allegazzjonijiet provati, u mhux ukoll minn dak li messu ngieb ghab-bazi tad-domanda u baqa' ma giex offert bi prova konvincenti.*"

[24] Il-principju "quod non est in actis, non est in mundo" hu espressament dettat fis-sentenza, fost ohrajn, *in re* **Carmelo Zammit v. Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp** (Appell Kummercjali, 10 ta' April, 1995 riportata f'*Kollez*. Vol.LXXIX-II-876). Ara anke l-istess ragunament fis-sentenza *in re* **Margot Errebsy v. Direttur tas-Sigurtà Socjali** (Appell Inferjuri, 17 ta' Ottubru, 2007). Jigi rilevat illi, "*nel processo civile vige il così detto principio dispositivo in conseguenza del quale il giudice decide esclusivamente in base alle prove fornite in giudizio dalle parti*." (*cfr*. **FRANCESCO GAZZONI**, "Manuale di Diritto Privato", XI ed., 2004; p.102).

[25] Ara *a fol*. 4.

[26] Tali mandat qatt ma gie ezebit kopja tieghu f'dawn il-proceduri u lanqas m'hemm, almenu, referenza tan-numru rispettiv tieghu (kif sehh fil-kontront ta' l-ittra ufficjali). Ghalhekk, it-Tribunal mhux ser jikkundanna lill-

8% fuq l-ammont ta' €3,150.00c ghandu ghandu jibda' jiddekorri mill-4 ta' Novembru, 2017 (data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali li tispecifika l-ammont determinat u likwidu ta' €3,150.00c)[27] sad-data tal-hlas effettiv u finali.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

---

konvenut ihallas l-ispejjez gudizzjarji tieghu meta l-istess Tribunal jinsab kompletament sprovvist minn informazzjoni u/jew evidenza dwaru.

[27] Dwar id-dekorrenza ta' imghax precedenti talba gudizzjarja (i.e., kawza), it-Tribunal jissenjala dan it-tghalim tal-qrati taghna: "*per far decorrere gli interessi deve essere una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione*" (*cfr*. **O'Connor v. Bruno Olivier**, riportata f'*Kollez*. Vol. XVI-I-p84). Tali hsieb jinsab kondiviz fid-decizjoni *in re* **Ruth Spiteri v. Emanuel Vella noe** (Appell Inferjuri, 5 ta' Marzu, 2003). "*Fuq l-aggravju ta' l-interessi u d-dekorriment taghhom il-Qorti tinnota li fil-korp ta' l-avviz l-atturi talbu somma determinata u specifika. Jirrizulta li l-atturi nterpellaw gudizzjarjament lill-konvenut ghall-hlas taghha in sodisfazzjoni tad-danni pretizi. Dan jibbasta biex l-ammont reklamat jibda jattratta l-interessi ("O'Connor -vs- Bruno Olivier" a Vol XVI pI p84). Il-fatt li l-Qorti rreduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma, issa ridotta. Il-Qorti hawn ma llikwidat l-ebda ammont li kapaci tiggustifika lill-konvenut jappilja mal-massima "in illiquidis non fit mora"*." (*cfr*. **Fogg Insurance Agencies Limited Noe v. Paul Tabone** (Appell Inferjuri, 17 ta' Frar, 2003). "*Inoltre, hu ritenut fil-gurisprudenza illi, meta d-debitu jkun cert, jekk id-debitur ikun jaf jew jista' facilment jiddetermina l-ammont ……. il-massima in illiqudis mora non contrabitur mhix applikabbli. "La massima in liquidandis non fit mora intanto e' da accogliersi in quanto la illiqudita' del debito venga per se stessa a costituire quella causa estranea al debitore e a lui non imputabile". "Quando il debito e' certo, ed il debitore puo' facilmenti determinare l'ammontare, si rende inapplicabile il principio inm liquidandis non fit mora" (App. Venezia, 24 Aprile 1908, Comune di Verona c. Societa' Gas di Verona, Temi 938 ; Cassaz. Napoli 11 Gennaio 1908, Di Mario c. Societa' pel Risanamento di Napoli ; Corte di App. 48, Dir. E Giur. XXIII, 692).*" (*cfr*. **Spiridione L. Mizzi pro et noe v. Emmanuele Falzon**, Qorti tal-Kummerc, 16 ta' Frar 1954; riportata f'Kollez. Vol. XXXVIII-III-642), Tali hsieb jinsab kondiviz fid-decizjoni *in re* **Carmelo Galea v. Kenneth Mizzi et noe** (Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 2001). Sentenzi ohra li jhaddnu l-istess perspettiva huma **Albert Mallia v. Albert Camilleri et** (Appell Superjuri, 1 ta' Dicembru, 2014); **Konnekt Talent Search & Selections Co Ltd v. Avantgarde Holdings Ltd** (Appell Inferjuri, 24 ta' Gunju, 2015) u **TGS Company Limited v. Polidano Brothers Limited** (Appell Superjuri, 18 ta' Lulju, 2017).